**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY J. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Gunju 2021**

**Rikors nru: 245/2015 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors datat 30 ta' Ottubru 2015 tal-attrici, fejn ippremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-Kappella tas-Silg Marsaxlokk. Kopja ta' dan ic-certifikat taz-zwieg qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A.
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt tfal li jisimhom DB u E li twieldu fil- 11 ta' Marzu 2002 u z-zghir fid-9 ta' Jannar 2009, li llum ghandhom 13 u 6 snin rispettvament u ghalhekk ghadhom minorenni.

3. Illi l-intimat irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejniethom impossibbli minhabba theddid u sevizzi, eccessi u ingurji gravi ohra fil-konfront tar-rikorrent, u ragunijiet ohra sufficjenti fil-ligi da parti tieghu fil-konfront tal-istess rikorrenti.
4. Illi l-intimat huwa persuna kattiva u rghib ghall-flus, u jhobb jezercita id-dominanza tieghu fuq l-esponenti u l-ulied, tant illi huwa rrenda l-hajja matrimonjali impossibbli, tant li l-esponenti kienet anke mgieghla titlaq mid-dar b' ulieha b' kollox, minhabba li ma setghetx tibqa' tesponi lil ulied ghat-trobbija u attitudni distruttiva tal-intimat, liema attitudni kellha konsegwenza fuq l-esponenti, u kif ukoll fuq it-tifel il-kbir DB.
5. Illi fuq parir tal-Appogg, l-esponenti telqet mid-dar matrimonjali, u mn'alla kien hemm il-genituri tal-esponenti li laqghuha ghandhom, u hadu hsieb l-interess taghha u tal-ulied, wara li kellha titlaq u ssib kenn peress li kieku ma kienx ghalihom kellha tiehu refugju gewwa dar residenzjali.
6. Illi huwa issa wara snin ta' theddid u vjolenza domestika fit-tul wara hafna insistenza ta' kuragg minghand membri tal-Pulizija, u l-appogg u l-familjari li l-esponenti sabet il-kuragg li tiehu hsieb l-interessi taghha u ta' uliedha.
7. Illi l-hajja matimonjali ta' bejn il-partijiet, tkissret b'mod irreparabbli b' tort uniku tal-intimat.
8. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzat biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok. B.

Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, prevja u okkorendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat, kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn mal-intimat.
2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri lir-rikorrenti.
3. Tordna li r-residenza tal-minuri D u E tkun mar-rikorrenti.
4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-esponenti u kif ukoll ghall-istess minuri li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti martu filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu, bi standing order tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jamentaw kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja u kif ukoll li fiha jkun hemm inkluz nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.
5. Tiddikjara li l-intimat ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-intimata mentri hi jibqghalha d-dritt tesigi minghandu manteniment ghaliha.
6. Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte tal-Artikolu 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluz l-komminazzjoni li jitlef kull dritt li jiret lir-rikorrenti.
7. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsam f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-intimat huwa unikament hati ghas-seperazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-intimat u porzjoni lir-rikorrenti *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina Nutar Pubbliku biex jircevi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.
8. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni kollha dotali u/ jew parafernali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza

u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundanna thallas lill-konvenut rikonvenzjonat dik is-somma li ghandha tigi likwidata u okkorendo bl-opera tal-Periti nominandi rapprezentanti l-valur tal-beni dotali / jew parafernali sudetti.

9. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' 'F'.

Bl-ispejjez inkluzi dawn tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CB datata 8 ta' Frar 2016, fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi ghal rigward tal-ewwel u s-sitt talbiet attrici, jigi sottomess li ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejniethom tkisser b'mod irrimedjabbli, u ghalhekk hemm lok ghal separazzjoni personali bejeniethom, dan pero' biss gara minhabba tortijiet u htijiet u unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti attrici, li telqet mid-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida fil-ligi u fil-fatt qabel ma telqet hi stess qalet lill-intimat li ma kienetx ghadha thobbu, kienet ir-raguni ghaliex kienet qed tallontana ruhha mid-dar. Di fatti l-eccipjenti qed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-kontro-talba sabiex jirribadixxi dan ukoll. Illi inoltre' din l-Onorabbli Qorti ma ghandha tapplika ebda wahda mis-sanzjonijiet ravvizati fil-Kodici, u senjatament l-artikoli 48 sa 52, kontra tieghu, kif mitlub mil-attrici skont is-sitt talba taghha.

   Ghalhekk filwaqt illi l-intimat jaqbel illi din l-Onorabbli Qorti, ghandha tilqa' parti mill-ewwel talba attrici u tiddikjara l-firda personali bejniethom, u konsegwentement tawtorizzahom ighixu separatament minn

xulxin, skont parti mill-ewwel talba attrici, din ghandha tigi michuda fil-bqija, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti attrici dan peress li mhux minnu illi l-intimat kien hati tal-firda ta' bejniethom u fil-fatt qatt ma rrenda ruhu hati ta' theddid, sevizzi, eccessi ingurji gravi ohra kontra l-attrici, ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tapplika din fil-konfront tar-rikorrenti intimat ebda wahda mis-sanzjonijiet prevvisti mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta) u senjatament, skont l-artikolu 48, 51 u 53 kif indikat mil-attrici fir-rikors promutur.

Illi a rigward tat-tieni talba attrici, ir-rikorrenti intimat ma jaqbilx illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata esklussivament f' idejn l-omm u dan peress illi ma hemmx raguni valida skont il-ligi ghalfejn il-kura u l-kustodja tal-minuri ma ghandhiex tkun wahda kongunta bejn il-partijiet. U dan ghal ragunijiet li ser jitressqu waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi a rigward tat-tielet talba attrici, ir-rikorrenti intimat ma ghandu ebda diffikulta' illi l-minuri jibqghu jirrisjedu ma' ommhom , illi l-istess zewg ulied stabbilew ga r-residenza taghhom ma' ommhom pendenti l-proceduri ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti, pero' dan bi dritt ta' access xieraq a favur tieghu.

Illi a rigward tar-raba' talba attrici, din ghandha tintlaqa' biss in parte.

F' dan ir-rigward l-intimat umilment jissottometti illi huwa ma ghandu ebda diffikulta' sabiex jivversa manteniment xieraq versu z-zewg uliedu minuri anka jekk dan jithallas bi standing order jew billi jinqata' direttament mis-salarju tieghu, purche' tali manteniment jigi ffissat a tenut kont tal-mezzi finanzjarji tieghu u tal-bzonnijiet rejali tal-istess minuri u liema skont l-istess talba attrici ghandha tinkludi l-ispejjez medici u edukattivi inkorsi a favur tal-istess minuri. Illi pero' in kwantu ghat-talba

ta' mantenimenti ghall-attrici stess, din ghandha tigi michuda u dan stante illi r-rikorrenti ghandha impjieg fiss, u anka kieku ma kellhiex hija kapaci tahdem peress illi persuna b' sahhitha. Inoltre' r-rikorrenti hija persuna ta' eta' relattivament zghira ghalhekk certament illi ma ghandu jkollha ebda diffikolta' sabiex issib impjieg bi qligh.

Illi a rigward tal-hames talba attrici, l-intimat umilment jissottometti illi huwa ghandu mpjieg bi qliegh, u ghalhekk almenu f'dan l-istadju huwa ma qed jesigi ebda dritt ta' manteniment ghalih.

Illi a rigward tas-seba' talba attrici din ghandha tigi milqugha u cioe' din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejn il-partijiet, pero' tordna li l-istess oggetti jigu divizi bejn il-partijiet, mhux b' mod ugwali, izda tenut kont tat-talbiet tal-intimat, fejn jirrizulta li huwa ghandu kreditu kontra l-attrici, u dan kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu.

Illi a rigward tat-tmien talba attrici, l-intimat umilment jissottometti illi huwa ma hemm xejn x' jikkonsenja lill-attrici, u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda, bl- ispejjez kontra l-istess rikorrenti attrici.

A rigward tad-disa' talba, l-intimat jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, stante illi huwa ma ghandux locus standi fir-rigward tal-istess.

Salvi jekk ikun il-kaz, risposti ossija, eccezzjonijiet ulterjuri.

Il-Qorti,

Rat il-Kontro-Talba ta' CB**,** li biha qed jipprevalixxi ruhu mill-beneficcji tal-kontro-talba lilu moghti taht il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit- 30 ta' Gunju 2000, gol-Kappella tas-Silg, Marsaxlokk.
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, u cioe' D u E ahwa B, li ghadhom minuri.
3. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata rrendiet l-hajja matimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibbli, u li ghalhekk iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment b' tort uniku tal-istess rikorrent rikonvenzjonata u dan kif ser jirrizulta mix-xhieda prodotta mill-kontendenti, u senjatament illi da parti taghha qaltlu li ma ghadhiex thobbu, filwaqt li bdiet tohloq incidenti ta' vjolenza li ma ezistewx, u bdiet anka ixewwex lill-minuri uliedu kontrieh, filwaqt illi telqet mid-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.
4. Illi filwaqt li r-rikorrenti rikonvenzjonanti ghamel kull sforz sabiex isalva z-zwieg taghhom, anka billi jattendi ghall-sezzjonijiet ta' marriage counselling, ir-rikonvenzjonata baqghet twebbes rasha, u tonqos milli ssegwi l-pariri li huma kienu nghataw.
5. Illi tul iz-zwieg taghhom, il-partijiet ghexu fil-fond propjeta' in komun bejniethom fl-indirizz, *Valley Court, Flat 3, Triq il-Vjola, Marsaskala,* liema huma akkwistaw fis-sena 1998, u cioe' sentejn qabel iz-zwieg taghhom.
6. Illi qabel iz-zwieg taghhom, ir-rikonvenzjonant ezegwixxa diversi xogholijiet, u inkorra spejjez, anka ta' materjal u ghamel xoghol ta' benefikati fil-fond gja' matrimonjali fl-indirizz surreferit, u ghal liema huwa qatt ma gie kkumpensat.
7. Illi fuq din il-propjeta' hemm gravanti self mal-Bank, ghal liema hlas ta' self lura lil Bank, ir-rikonvenzjonanti qed ihallas wahdu, u ilu hekk ihallas esklussivament hu, sa mid-data illi r-rikonvenzjonata abbandunat id-dar taghhom, u cioe' mid-data tal-15 ta' April 2014.

8. Illi di piu' kif telqet md-dar matrimonjali, ir-rikonvenzjonata, hadet pussess tal-vettura propjeta' komuni tal-partijiet, targata DBP 795 tat-tip Toyota Ractis u dan ad esklussjoni tar-rikonvenzjonant;
9. Illi pero' l-istess rikonvenzjonant intimat baqa' wahdu hallas lil bank, id-dejn gravanti l-istess vettura.
10. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-digriet appozitu tal-Onorabbli Qorti Civili, sezzjoni tal-familja.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortjiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata rikonvenzjonata, AB kif fuq spjegat, u konsegwentement tawtorizza lir-rikonvenzjonant ighix seperatament minn ma' martu.
2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuriD u J E f' idejn il-partijiet konguntivament.
3. Takkorda lir-rikonvenzjonantJCB access xieraq versu uliedu t-tnejn, u dan inkluz fil-festi pubblici, fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena, bi dritt ta' sleepover kif dina l-Onorabbli Qorti jidhirlha xieraq u opportun, fl-interess suprem tal-istess minuri.
4. Tapplika kontra r-rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-Artikoli 48 sa 52 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li hija titlef kull dritt li tiret lil zewgha.
5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li r-rikonvenzjonata hija unikament hatja ghal seperazzjoni personali, kif ukoll tal-krediti li r-rikonvenzjonati qed javvanza fil-konfront tar-

rikonvenzjonata, u tassenja porzjon lil rikonvenzjonanti u porzjon lil rikonvenzjonata ope sententiam, filwaqt li tinnomina Nutar sabiex jircievi l-att relattiv li jinkorpora fih l-effetti tas-sentenza, u kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-att.

6. Tordna illi d-dar matrimonjali fl-indirizz Valley Court, Flat 3, Triq il-Vjola, M' Skala, titqieghed fis-suq liberu ghal bejgh, b' dan illi tawtorizza lir-rikonvenzjonanti jibqa' jirrisjedi fid-dar sakemm tinbiegh.
7. Tordna li r-rikavat mill-bejgh matrimonjali, jinqasam f'zewg porzjonijiet ugwali, u dan wara li jinqalghu l-krediti dovuti mir-rikonvenzjonata a favur tar-rikonvenzjonanti skont it-talbiet suesposti.
8. Tiddikjara li CB, inkorra spejjez u esegwixxa xogholijiet u benefikati fil-fond matrimonjali, Valley Court, Flat 3, Triq il-Vjola Marsaskala, occorendo bil-hatra ta' Perit nominandi u konsegwentement tillikwida s-somma hekk dovuta versu r-rikonvezjonant mir-rikonvenzjonata, AB dan ghall-imsemmija spejjez, xogholijiet u benefikati u b'hekk tordna lil AB, thallas is-somma hekk likwidata lil CB u dana fi zmien qasir u perentorju anka minn sehemha mir-rikavat tad-dar matrimonjali. Hekk kif din l-Onorabbli Qorti, jidhirlha xieraq u opportun.
9. Tiddikjara li r-rikonvenzjonant CB baqa' jhallas esklussivament wahdu d-dejn gravanti tad-dar matrimonjali, kif ukoll dak tal-vettura tal-partijiet, u ghalhekk hallas anka sehem martu, u konsegwentament, tillikwida s-somma hekk mhallsa mir-rikonvenzjonanti u tordna lil AB ihallas lil CB , dik is-somma hekk likwidata, dan fi zmien qasir u perentorju , skont kif din l-Qorti, jidhirlha xieraq u opportun.
10. Tikkundanna lir-rikonvenzjonata sabiex tirrestiwixxi lir-rikonvenzjonant l-beni kollha dotali u/ jew parafernali tieghu, li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas, li r-rikonvenzjonata taghmel dan, tikkundannha thallas lir-rikonvenzjonanti dik is-somma li ghandha tigi

likwidata, occorendo bl-opera ta' Perit nominandi rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u / jew parafernali sudetti.

11. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk il-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili, tal-medjazzjoni kontra r-rikonvenzjonata, li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta ta' AB, ghall-kontro-talba ta' CB datata 11 ta' Frar 2016, fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi dwar l-ewwel talba, l-esponenti taqbel ma' din it-talba salv ghall-fatt li t-tortjiet ta' din is-separazzjoni huma imputabbli esklussivament lill-intimat u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori ta' din il-kawza.
2. Illi dwar it-tieni talba l-esponenti tikkontendi li fl-ahjar interess tal-minuri kura u kustodja tal-ulied ghandha tigi affidata f' idejn l-esponenti esklussivament.
3. Illi dwar it-tielet talba, l-esponenti tikkontendi li l-access versu l-ulied ghandu jkun dak li jirrifletti l-interess suprem tal-ulied minuri, specjalment minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u dak li ghaddew minnu l-ulied.
4. Illi dwar ir-raba' talba l-artikoli 48 sa 52 et seq tal-Kap 16 ghandhom jigu appikati kontra l-intimat rikonvenzjonat b' dana li ghandu jitlef ukoll hu l-komminazzjoni u kull dritt li jiret lill-esponenti.
5. Illi dwar il-hames talba, l-esponenti tikkontendi li hija taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u likwidata b' dana li l-porzjon assenjata lill-intimat rikonvenzjonat ghandha tirrifletti it-tortijiet ta' zewgt l-esponenti.
6. Illi dwar is-sitt talba, l-esponenti taqbel li din ghandha titqieghed fuq is-suq liberu ghal bejgh b' dana li ghandu jkun l-esponenti u l-ulied li jibqghu jirrisjedu gewwa d-dar matrimonjali, sakemm din tinbiegh ad esklussjoni

tal- intimat u dana minhabba ingurji, sevizzi, u abbuzi li l-esponenti soffriet taht l-intimat, u kif ukoll dak li ghaddew minnu l-ulied minhabba l-abbuzi tal-missier.

7. Illi dwar is-seba' talba, l-esponenti tikkontendi li l-intimat ma ghandu ebda dritt ghal kumpens minn ebda krediti u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kien propju fuq din il-vertenza li l-partijiet kellhom jersqu quddiem din il-Wisq Onorabbli Qorti. Huwa ghalhekk li din ghandha tigi michuda in kwantu jkun hemm kundanna li jinqatghu xi krediti dovuti lill-intimat rikonvenzjonat peress li ma huwa dovut xejn.
8. Illi dwar it-tmien talba, din ghandha tigi michuda fl-intier taghha peress li mhux minnu li l-intimat ghandu jiehu xi somma o meno kif gja' spjegat fl-eccezzjoni numru sebgha.
9. Illi dwar id-disa' talba, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u illegali, u ma tistax tintlaqa' peress li l-partijiet kienu ghadhom mizzewwgin u l-hlasijiet li saru minn flejjes appartenenti lill-komunjoni tal-akkwsiti. Illi sal-lum l-intimat ghadu ma jissomministra ebda manteniment ghall-ulied, haseb li l-ulied jghixu bl-arja, izda l-ghaks li huwa gieghel lill-esponenti, tghix fih, huwa wiehed kbir kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; ghalhekk ma hemm ebda somma dovuta lill-intimat;
10. Illi dwar l-ghaxar talba, l-esponenti tikkontendi li l-intimat rikonvenzjonat ma ghandu ebda beni dotali u / jew parafernali x' jiehu u wisq inqas ma kellu xi beni dotali o meno.
11. Dwar il-hdax-il talba, l-esponenti tirrimetti ruhha.

Bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonat li hu ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li b'sentenza in parte datata 11 ta' Lulju, 2018, gie dikjarat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Semghet il-provi prodotti.

**FATTI**

1. L-attrici u l-konvenut kienu ltaqghu meta kellha 16-il sena. Il-konvenut kien ghaxar snin ikbar minnha. Meta kienet infurmat lill-genituri taghha, li l-gharus taghha kien ghaxar snin ikbar minnha kienu accettawh u beda jidhol ghandhom.

   Ghall-attrici kienet l-ewwel esperjenza ta' mhabba, filwaqt li l-konvenut kien hassar minn relazzjoni li kienet damet hames snin u kien stqarr mal-attrici li kienet trawma kbira ghalih, tant li kien ried joqtol ruhu b'idejh u kien il-habib tieghu Sandro li kien salvah. Fil-fatt kien avza' lill-attrici biex ma taghmilx l-istess kif kienet ghamlet l-gharusa li kellu qabel.

   Il-konvenut ma kienx jahmel lil oht l-attrici u minhabba f'hekk kien spicca jaqla' hafna dizgwid bejniethom, tant li l-attrici kienet marret tghix ma' nannitha u kienet izzur lill-genituri taghha meta ohtha ma kinitx hemm,

   Tghid ukoll li kien hemm nies, bhall-habib taghha, kif ukoll zijitha li wissewha biex toqghod attent mill-konvenut u li ma kienx ighodd ghaliha.

   Wara xi sena u disgha xhur zewgt ihbieb taghha kienu qalulha li l-konvenut kien qalibilha u kienet telqitu, Kien dam jigri warajha ghal sena shiha u fl-ahhar kienet accettat li jirrangaw, izda minn dakinhar l-affarijet marru

ghall-aghar. Kellha iktar inkwiet mal-familja taghha u gieghlha titlaq mill-impjieg taghha mal-familja, ghaliex beda jinsisti maghha li ma kinux qed ihallsulha l-bolla.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien ried jixtri post ha jibdew hajja flimkien, ghax kien qed jikber fl-eta'. Kienet thallih idur ghall-post u kienet tafdah u fl-ahhar sab post li ghogbu. Kien hadha tarah u kienu bdew ix-xogholijiet, Wara x-xoghol u fil-weekends kienu dejjem ikunu l-post. Biex ma jonfqux il-flus kienu dejjem id-dar ghand nannintha jaraw t-televixin.

Meta kienu bdew bil-preparamenti tat-tieg, l-attrici kienet spiccat b'slip disc u kellha taghmel operazzjoni. Dan kien sitt gimghat qabel it-tieg. Kellha bzonn min idur biha u kienet semghet mill-konvenut u marret toqghod ghand zijtha. Kienet thalli lill-konvenut jikkontrollaha u spiccat li lanqas involviet lil ommha u lill-ohtha fil-preparamenti tat-tieg u llum jiddispjaciha, Kien hadha anke ghand il Father li kien ser iqaddes it-tieg ghax deffisilha f'mohhha li ommha u ohtha kienu ser imorru t-tieg lebsin b'mod indecenti. Kienet spiccat li lanqas poggiet lill-habiba taghha bhala bridesmaid ghax il-konvenut kien gellidha maghha.

Wara li zzewwgu, l-attrici tghid li ma tantx kienet kuntenta u kien qabadha depression u dan minhabba li kienet spiccat wahedha d-dar il-hin kollu. Il-konvenut ma kienx itiha flus u ma kellhiex karozza u ghalhekk ma setghetx tmur tara lill-genituri taghha. Il-konvenut kien jiggieled hafna, partikolarment ghax ma kienx isib l-affarijiet f'posthom.

L-attrici zzid tghid li meta kienet qed tistenna l-ewwel wild kienet kuntenta hafna, izda kienet taghmel kollox faccendi tad-dar, tisjir u kollox. Il-ġenituri taghha u ohtha kienu xtrawlha hafna affarijiet u wara li twieled it-tifel Keelan, ommha kienet dejjem hemm tghinha.

Peress li l-konvenut ma kienx ighaddi hafna flus lill-attrici, ma tantx kienet tohrog bit-tifel u kienet tqatta' hafna hin id-dar u peress li l-konvenut kien ihobb jistrieh wara nofsinhar u ma kienx irid storbu tat-tifel u ghalhekk kienet toqghod fil-kamra tal-bejt. Meta t-tifel beda l-iskola kien xtara karozza second hand sabiex l-attrici setghet twassal lill-minuri.

L-attrici spiccat li kienet iddejjqet tghix fl-appartament li kienu xtraw peress li kienet marret toqghod hemm in-neputija tal-konvenut u kienu miggieldin. Ma kinitx tkellimha meta kienet taraha u mbaghad kienet tilhqilha salibha.

L-attrici zzid tghid li l-konvenut qatt ma kien kuntent b’dak li kienet taghmel, jekk kienu jcemplu n-nies ma ridhomx u ma ridhix tmur tahdem u kien anke jinsisti li ma jaghmilx xogholijiet fid-dar ghax ma kellux flus. L-attrici tghid li bdiet tbati minn depression u kienet qed tara tabib bil-mohbi tal-konvenut. Meta kien jaraha tibki kien ighajjarha kiesha u li ma kien jonqosha xejn, izda rrealizzat li dina ma kinitx hajja mizzewwga.

L-attrici tghid li fil-bidu meta kellha t-tifel, il-konvenut kien ighaddilha biss Lm50, imbaghad ziedhom ghal Lm100 u kellha tghaddi bihom. Kienet ghalhekk titlob lil missierha biex ighaddilha xi flus sabiex tkun tista’ tixtri xi hwejjeg ghat-tifel. Kienet anke tuza’ mill-flus li kien hemm fil-karus tat-tifel li kienu jtuh il-genituri taghha. Tghid ukoll li kienu jkampaw ghax ommha kienet tixtrilha hafna haxix u frott kull nhar ta’ Hadd. Eventwalment ziedhilha l-manteniment ghal Lm200.

L-attrici tghid li meta mietet omm il-konvenut kien hadha bil-kbira, specjalment ghax kienu hdejha meta mietet. Tghid li kienet tghin hafna u tiehu hsieb lill-kunjata. Kien hadha kontra ohtha li ma setghetx tattendi ghall-funeral.

Kien hemm zmien meta l-konvenut kien ghajjur u dan kien l-iktar meta l-attrici tghid li kienet naqset mill-piz u kienet qed tilbes hwejjeg second hand ta' habiba t'ommha u kien ighaddi l-kummenti li qed taqlibilu.

Kien f'dan il-perjodu li l-konvenut kien iddecieda li joqghod ghall-ezami ta' fizjal tad-dwana u kien ghadda. L-attrici tistqarr li kienet tissapportjah f'dak kollu li kien jaghmel. F'dan iz-zmien ukoll u cioe' wara l-mewt ta' omm il-konvenut, xtaqet tarbija ohra u l-konvenut accetta. Tghid li ma kinitx tqala facli. Issemmi li meta kellha sitt xhur tqala, il-konvenut xtara kompjuter u kien jara affarijiet pornografici fuqu. Biex juzah hi u t-tifel kienu jispiccaw jiggieldu u l-konvenut ma riedx jaghmel time-table ghax qal li kellu bzonnu ghax-xoghol.

L-attrici ma kienetx tapprova li l-konvenut kien jilghab certu loghob bhal Call of Duty mal-minuri peress li dan ma kienx loghob adattat ghalih. Kienu joqoghdu jghajjtu u kien jispicca anke jghajjat mat-tifel. Kienet tipprova tfehmu li kien ahjar jekk lit-tifel jikkoreggih bil-kwiet, izda kien jinsisti li ma kienx imdorri hekk u li l-attrici kienet tittratta lill-minuri bil-hlewwa biex f'ghajnejh hi tidher anglu, filwaqt li hu jidher ikrah.

L-attrici ssemmi diversi affarijiet ohra li kienu jdejjqu lill-konvenut u kien iwassal ghall-glied bejniethom. Mat-twelid tat-tieni wild, l-attrici tistqarr li l-konvenut kien iktar migbud lejn it-tifel iz-zghir u kien juri preferenzi lejh u dan kien kagun ta' hafna glied bejniethom. Kien beda jghaddilha €500 fix-xahar u ghal darb'ohra kellha tiehu hsieb l-ispejjes kollha, Pero'

mbaghad il-konvenut kien igibha bit-tqila sabiex ighaddilha l-flus biex tixtri l-hwejjeg lit-tfal. It-tifel il-kbir kien taht l-impressjoni li kienu fqar ghax hekk kien jaghtih x'jifhem il-konvenut.

Problema ohra kienet meta iffissa fuq Facebook u kien beda jaghmel hbieb ma' diversi nisa, fosthom wahda Awstraljana li kienet toqghod Marsaxlokk u kien jaghtiha hafna kunfidenzi. Kienet tkun kagun ta' glied bejniethom peress li l-konvenut kien joqghod iqabbilha maghha.

L-attrici bdiet tbati minn hafna ansjeta' u t-tabib kien wissiha li setghet tkun qed tigi assoggettata ghall-vjolenza domestika u iktar ma bdiet taqra iktar bdiet tintebah li l-ghajjat kontinwu, l-insulti u d-dominanza tal-konvenut ma kien xejn hlief abbuz. Minn hawn bdiet torqod mat-tfal u t-tifel il-kbir in partikolari kien ikun imbezza'. Kien kontinwament jaqbad mieghu u jekk kienu jiggieldu kien dejjem jehel il-kbir u bdiet tinduna li kien qed jigbor go fih hafna rabja, tant li kien sar anke iktar aggressiv ma' huh.

Tispjega li darba kienet sabet pitazz tat-tifel minuri Keelan waqt li kien qed tizbarazza u kienet intebhet li kien qed ibati minhabba r-relazzjoni tieghu mal-konvenut. Kienu anke kkomunikaw maghha mill-counselling department tal-iskola u dan minhabba li t-tifel Keelan kien fetah qalbu maghhom. L-attrici, wara li hadet diversi pariri, kienet iddecidiet li tghid il-verita' dwar xiex kien qed jigri d-dar. It-tifel iz-zghir imbaghad kien qed irabbi hafna arja ghaliex missieru kien jaqbez ghalih u qatt ma kien jaghtih tort.

Kienet marret tkellem lil Maggura Josephine Gauci u kienet issuggeriltilha li kellha bzonn tqum fuq taghha u ma thallix il-konvenut jabbuza minnha, izda biex izzomm il-kwiet cediet u qghadet ghalih, imma iktar beda jihdar skond l-attrici.

Baqqghet ukoll assoggettata ghad-dominanza tal-konvenut u kien iridha tilbes suits tal-pvc waqt ir-relazzjonjiiet intimi peress li kienu jizolqu u jeccitawh. Kienet konsapevoli ukoll tal-fatt li kien jara l-films pornografici.

Il-konvenut kien beda jilmenta li ma johorgux kif jaghmlu ohrajn, meta kien jaf li l-problema kienet li ma kellhomx mezzi finanzjarji. L-attrici kienet tinsisti mieghi li tmur tahdem u dejjem kien jopponi u peress li ma kellhiex kwalifiki kif ukoll ma setghetx taffordja li ssegwi kors kienet qatghet qalbha.

Kienu mbaghad ippruvaw imorru ghand Charlie Azzopardi, marriage counsellor u hemm bdiet tara li l-konvenut beda jghid hafna gideb biex jidher sabih u li kien ilu sentejn imdejjaq mal-attrici. Kienet iddecidiet li titilqu, izda rega' bdielha minhabba t-tfal. Kien xorta beda jghajjarha u jibbuljaha li kienet ser titilqu. Ried lill-attrici tiddeciedi jekk riditx separazzjoni jew le, izda ma setghetx tiehu decizjoni. Sadanittant, kienu kkuntatjawha tal-Appogg rigward ir-rapport li kien ghamel it-tifel l-iskola. Meta semghu lill-minuri, kif ukoll lill-attrici, kienu tawha parir sabiex ikollha l-basktijiet lesti u jekk il-konvenut jerga' jkun aggressiv maghha taqbad l-affarijiet u titlaq. Kienu anke ssuggerew lill-konvenut sabiex jipprova jqatta' iktar hin mat-tifel minuri Keelan wahdu. Kien ghamel xi drabi li hareg mieghu, izda ma regax mar.

Tghid ukoll li bhala familja ma tantx kienu johorgu lit-tfal peress li ma kellhomx flus, imma l-ftit li harguhom kienu jiehdu hafna gost, Meta t-tifel Keelan kien tela' form 1, kien ikun imbezza' u bbulijat ghax kien f'skola

gdida. Kien anke jkun ma jiflahx ta' spiss u l-attrici kienet konvinta li ma jiflahx. Il-konvenut kien ighidilha li qed trabbih qisu ghageb.

L-attrici tkompli tghid li iktar m'ghadda z-zmien, iktar beda jghajjarha u jbaxxiha, tant li kienet tilfet l-istima taghha nnifisha u kienet verament mdejjqa.

Id-decizjoni li tissepara haditha fl-ahhar meta wara parents day tal-minuri D, kien inqala' hafna dizgwid bejnu u l-konvenut peress li kien mar naqra lura fl-Ingliz, minkejja li l-attrici kienet avzatu sabiex ma jaqlax inkwiet. It-tifel kien imbikkem hafna u kien spicca imbutta lil missieru u akkuzah li kien ihobb lil huh biss u mhux lilu. L-attrici kienet irrealizzat li ma setghux ikomplu jghixu hekk u kienet cemplet lil tal-Appogg li kienu qalulha li kienet taf x'triq kellha tiehu.

**<u>KOMUNJONI</u>**

L-attrici tiddikjara li l-konvenut kien qed jippretendi li l-attrici thallsu €12,833.64 bazata fuq stima li ghamel il-Perit Valerio Schembri, li qatt ma ltaqghet mieghu. Ipprezentat lista tal-oggetti li kienu jixtru meta kienu gharajjes.[1]

Biex xtraw il-post tikkonferma li hi kienet harget Lm6,721 u l-konvenut kien hareg Lm5,748.33. Kienu hadu loan ghall-kumplament u kien ghad baqa' li jithallsu Lm1,900. Il-konvenut kien ihallas il-loan fis-somma ta' Lm81 fix-xahar.[2] Hi kienet hallset il-Lm1,900 li kien fadal, li bl-imghax kienu telghu ghal Lm2,000.50.

---

[1] Ara Doks. VV1, VV2 u VV 6
[2] Ara Dok. VV 8.

L-attrici pprezentat diversi dokumenti dwar diversi hlasijiet li ghamlu.[3] Mill-kalkolazzjonijiet li ghamlet ikkonkludiet li mhuwiex minnu li hi kellha tghaddi s-somma ta' €12,833.61, ghaliex hi kienet harget is-somma ta' €25,588.06, filwaqt li l-konvenut kien hareg €24,938.62 u ghalhekk huwa l-istess konvenut li huwa debitur fil-konfront tal-attrici fis-somma ta' €649.44.

2. Il-konvenut ighid li meta beda johrog mal-attrici ma kienx ghadu lest biex jibda relazzjoni ohra peress li kien ghadu kemm hareg minn relazzjoni li damet hames snin. Ir-relazzjoni kienet spiccat peress li kienet bdiet relazzjoni mal-habib tieghu. Kien spicca kellu depression u kien biss il-habib tieghu Sandro li ghenu johrog minn din is-sitwazzjoni.

   Ighid li ommu kienet gibditlu l-attenzjoni li kienet semghet li omm l-attrici kellha hafna dejn u dan kienet ikkonfermatu l-attrici meta kienet bdiet tiftah qalbha mieghu. Kienet qaltlu ukoll li ma kellhiex relazzjoni tajba m'ohtha peress li l-genituri taghha kienu jippreferuha u kienu jaqbzu ghaliha. Kienet anke qaltlu li ommha kienet serqet xi flus minghand missierha. Il-konvenut da parti tieghu bena relazzjoni tajba hafna ma' missier l-attrici u kien ighaddi hafna hin mieghu peress li kellhom l-istess interessi, partikolarment il-kacca. Jikkonferma li kien jilmenta mieghu dwar omm l-attrici u li kienet tberbaq il-flus.

   Il-konvenut kien ippropona lill-attrici biex jizzewwgu u kienet ferhana u accettat. Kienu bdew ifittxu post u iktar kien idur il-konvenut, izda meta kien jara xi haga li toghgbu kien ighidilha. F'dak iz-zmien kien hemm problemi peress li l-hanut fejn kienet tahdem l-attrici mal-familja kellu hafna dejn mal-agenti u l-attrici kienet inkwietata hafna. Ighid li zijuha kien

[3] Ara Doks, VV 4 – VV 12

riedha ssir manager tal-hanut, izda beza' li dan kien biex jixhtu d-djun fuqha. Il-konvenut jistqarr li ommha u nannintha ma riduhiex tghid lill-missierha, izda hu kien jinsisti li kellhom jaghmlu hekk. Kienu anke bdew idumu ma jaghtuha l-paga. Kien ghalhekk li ddecidew li kien ahjar jekk tfittex post peress li kienu ser jixtru post. Kienet sabet impjieg mat-Toly Products u irnexxielhom igemmghu, izda kienet inqalghet kwistjoni peress li l-familja taghha ma kinux ihallsulha l-bolla meta kienet tahdem maghhom.

Kien wara li kellhom xi jghidu l-attrici u ohtha G, li pprova jintervjeni l-konvenut, li spiccaw kulhadd dar kontrihom u kellhom imorru jghixu ghand in-nanna tal-attrici.

Sadanittant kienu xtraw post Marsaskala u kienu bdew jahdmu fih, flimkien ma' missieru, hutu u anke xi hbieb kienu jahdmu fil-post u fil-post li kienet xtrat in-neputija li kien fl-istess blokk. Kienu damu xi erbat isjuf ghaddejjin bix-xogholijiet u kien f'dan iz-zmien li kien induna li l-attrici bdiet tkun bierda minnu. Kienet ammettiet mieghu li kienet qed thossha tingibed lejn wiehed kollega tax-xoghol u ma kinitx certa b'dak li kienet thoss ghalih. Talabha tahsibha u tghidlu x'ser taghmel u jichad li fl-ebda hin ma sfurzaha biex tizzewweg.

Waqt li kienu qed ilestu l-post u ihejju ghat-tieg, l-attrici spiccat li kellha *slip disc* u kellha tigi operata. Minhabba f'hekk kellha titlaq mix-xoghol sena qabel. Baqghu jarmaw il-post. L-attrici halset il-kcina, filwaqt il-konvenut jikkonferma li kien hallas il-granit, is-sink u l-appliances.

Id-dizgwid mal-familjari tal-attrici baqa' ghaddej u kellhom seba' mitt sena biex jingabru f 'darhom. Meta fl-ahhar izzewwgu, l-ewwel sena kienu kuntenti hafna, minkejja li ma kinitx sitwazzjoni facli ghalih mil-lat finanzjarju. Kien jaqla' bejn Lm500 u Lm600 fix-xahar, li minnhom Lm81

kienu jmorru fuq il-loan u flexi credit li kellu. Kien iwarrab il-flus minhabba l-kontijiet u kien jifdalhom cirka Lm250. L-attrici dak iz-zmien ma setghetx tahdem peress li kienet ghamlet l-operazzjoni.

Kien ikollhom xi jghidu bhal kull koppja, izda l-iktar minhabba li kien jahdem shift ta' bil-lejl, l-attrici kienet tiddejjaq. Jichad li kien joffendiha u jkasbarha, kellu difett ghax kellu vuci qawwija, izda kienet tipika tal-familja taghhom. Il-glied kien normali u ghalkemm l-attrici semmiet li parti mill-problemi kienet li l-konvenut kien ighidilha kontra l-familja taghha, meta effettivament ighid li kienet l-attrici stess li kienet tilmenta dwarhom.

L-attrici kienet tbati ukoll b'ansjeta' u kienet tiehu d-Deanxit. Kienet timpressjona ruhha b'dak li kienu jghidu n-nies.

Meta twieled it-tifel Keelan tawhom l-ahbar li kellu *soft cleft palate* u minhabba f'hekk kellu juza' gazaza apposta u kellhom joqoghdu attenti li ma jixraqx u dan ghaliex ma setghux joperawh sakemm jaghlaq id-disa' xhur. L-attrici ma xtaqitx ixxandar din il-problema taghhom. Ighid ukoll li kienu batew sakemm ghamlulu l-operazzjoni, minhabba li ma tantx kienu jorqdu sew ghax kienu mohhhom fit-tifel, kif ukoll ma kellhomx ghajnuna, hlief fil-bidu u ghalhekk l-attrici kellha tlahhaq ukoll mal-faccendi tad-dar.

Isemmi ukoll li dawn kienu zminijiet difficli ghalihom, ghax kienu jiddependu fuq il-paga tieghu biss, ghax l-attrici ma setghetx tahdem wara l-operazzjoni tas-slip disc. Kien ighaddilha €600 fix-xahar ghall-hajja u dak iz-zmien kellu paga ta' cirka €1,400 fix-xahar. Huwa minnu li ma kienx ikollhom flus biex jixtru hwejjeg, izda omm l-attrici kienet tixtrilhom u hu gieli xtrahom bil-visa. Il-konvenut jinsisti li l-attrici semmiet dak li kien jaqblilha u ma semmietx li kien halsilha l-kura ta' snienha li kienu

hzienu wara t-tqala u li dawn thallsu mill-flus li kien jirnexxielu jwarrab kull xahar.

Il-konvenut jerga' jsemmi li ma tantx kienu jgibuh il-familjari tal-attrici, ghajr ghall-missierha, li mieghu kellu relazzjoni eccellenti. Beda jinduna ukoll li ma kienx ihossu komdu jmur ghandhom u li fis-sajf bdew jiftiehmu jmorru l-bahar il-Hdud, meta hu ma jkunx jista' jmur minhabba x-xoghol.

Il-konvenut jichad li kien igerger ghax ikun irid jistrieh u ma kienx irid stordju, imma l-verita' kienet li meta kien ikun ta' bil-lejl kien jitolbha li jzommha it-televizjoni jew id-dvd baxx ha jkun jista' jistrieh. Generalment dan kien fis-sajf, ghax fix-xitwa t-tifel kien ikun l-iskola.

Maz-zmien il-komportament tal-attrici beda jinbidel. Kienet tidher mdejjqa u qatt ma kienet ferhana, kienet miggielda mal-girien. Kienet tkun bil-geddum ta' spiss. Jinnega li kien ighajjat u joffendi lill-attrici u li kien refa' idejh fuqha u fuq il-minuri.

Il-konvenut isemmi l-impatt li kellhom fuqu l-mewt t'ommu u meta nehhewlu l-overtime id-Dwana u ghalhekk naqsitlu l-paga.

Ghall-konvenut l-hajja mizzewwga taghhom kienet wahda normali sakemm it-tifel ghalaq disa' snin.

Meta kien pogga ghall-ezami ghall-Fizzjal tad-Dwana kien ghaddej minn hafna stress peress li kellu jistudja volumi ta' xoghol. Jinnega dak li tghid l-attrici, li kien jiggieled mal-minuri Keelan. Li kien jigri kellu bzonn jikkoncentra u xi kultant kien itellfu u ghalhekk minn jeddha l-attrici kienet tohrogu, specjalment fis-sajf.

Dwar l-insistenza tal-attrici li jkollhom tarbija ohra, il-konvenut jispjega li ghall-bidu kien kontra li jkollhom tfal u dan peress li kellhom problemi

finanzjarji, l-attrici dejjem riedet tbiddel id-dar u kellha problemi ta' sahha, izda mbaghad fl-ahhar ikkonvinca ruhu.

Meta l-konvenut kien iddecieda li jsegwi kors fuq Public Management l-Universita' kien hawn li gab kompjuter, Jinsisti li kemm hu kif ukoll l-attrici kienu jilghabu Farmville. Ma jinnegax li gieli ra xi films pornografici, izda l-attrici kienet taf dan ghax gieli rathom mieghu, kif ukoll kien jircievi emails mill-kollegi tax-xoghol b'materjal pornografiku. Gieli kienu jidhlu waqt li jkun qieghed jilghab mat-tifel D. L-attrici kienet tara films pornografici ukoll u kien induna li kienet qed tara dawk relatati mal-lesbjani. Meta staqsiha ghalfejn, stqarret mieghu li kellha minn dawn it-tendenzi u kien hemm zmien meta kellha relazzjonjiet sesswali mal-kugini.

Ighid ukoll li peress li dan il-kors kien qieghed jehodlu hafna hin 'l boghod mill-familja, iddecieda li ma jkomplix u dan iz-zmien l-attrici kienet tqila u kienet rat xi demm.

Dwar ir-relazzjoni tal-attrici ma' ohtha G ighid li f'xi zmien din tjiebet u anke mieghu, izda ma kienx propens li jhalli lil D jmur jorqod ghandha u dan peress li l-partner taghha h kien abbuziv u dina kienet ir-raguni.

Il-konvenut ighid li minhabba Facebook kien ghamel hbieb u kellu hbieb nisa li kien jiccattja maghhom. Dwar il-mara Olandiza, din kienet marida b'marda terminali u kien jikkompatiha u ghalhekk zamm il-kuntatt. Dwar il-habiba Awstraljana jghid li din kien ilhu jafha minn ckunitu u kienu ghamlu zmien qatghu kull kuntatt sakemm rega' bdew jikkomunikaw tramite Facebook.

Il-problemi bejn il-konvenut u l-minuri D zdiedu minhabba li l-minuri kien iffissa fuq il-kompjuter u kien ighaddi hin twil fuqu. Lanqas setghu johorgu

jew idumu ghand omm l-attrici ghax it-tifel kien jilmenta li jrid jmur id-dar biex jilghab bil-kompjuter.

Maz-zmien, peress li l-attrici kienet regghet bdiet relazzjoni tajba m'ohtha, kienet ghamlet hbieb ukoll mal-hbieb single ta' ohtha. Beda jinduna li kienet qed tohrog iktar kmieni biex tiehu lit-tfal l-iskola. Ma baqghux johorgu flimkien mixja kif kienu jaghmlu u anke r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu naqsu sew. L-attrici kienet ukoll ma taqbilx mieghu fir-resistenza ghall-hinijiet li t-tifel joqghod fuq il-kompjuter.

Dwar il-pitazz li sabet l-attrici, il-konvenut jinnega dak li tallega l-attrici, li kien hemm biss kienet folja wahda ghaliex dakinhar il-konvenut kien irrabbja mal-minuri  D peress li kienu marru ghand omm l-attrici u t-tifel ried imur lura d-dar u beda jaghmel xenati. Il-konvenut kien tah kastig u rrabja mieghu u meta waslu d-dar kien batu f'kamartu.

Kien sehh incident fejn l-attrici u l-minuri kienu ggieldu u dan tal-ahhar kien imbotta lil ommu. Il-konvenut kien mar iwaqqfu u baghtu f'kamartu bhala kastig. Beda jirresisti u l-konvenut jinsisti li kellu jghajjat mieghu sakemm ceda. Wara dan l-incident gara li l-konvenut kien ircieva telefonata minghand il-Kappillan, wara li l-attrici kienet qaltlu li kien refa' idejh fuq it-tifel. Ighid li l-attrici kienet infurmatu ukoll li l-minuri kien irraportah mal-guidance teacher, li dapparti taghha kienet fethet investigazzjoni.

Kien minn hawn li beda jissusspetta li l-attrici setghet kienet qed tipprova taghmillu frameup u ddecieda li jkellem lil Charles Azzopardi li huwa family therapist. Dan kien issuggerilu biex ma jikkoreggix it-tifel minuri u jhalli lill-attrici taghmel dan. Kien anke ssuggerilu sabiex imorru flimkien ghandu u l-attrici kienet accettat. Meta kien hemm kien induna li l-attrici

kienet qed tghid hafna gideb u ddawwar l-affarijiet. Imbaghad kienet qaltlu li ma kinitx thoss iktar ghalih u meta zzewwgitu kienet ghadha zghira.

Pero’ ddecidew li jkomplu u jaraw kif kienu ser isalvaw iz-zwieg. Il-konvenut ighid li ma kienx jikkoregi lit-tifel minuri  D u kien ihalli f’idejn l-attrici. Kien beda jqatta’ iktar hin maz-zghir E u D beda jghir. Ighid ukoll li ma kien sema’ xejn dwar ir-rapport u l-investigazzjoni li kienet saret mill-iskola. Sar jaf minghand l-attrici li l-investigazzjoni kienet waqfet u dan kien sentejn wara, meta kienu rcevew telefonata minghand l-Appogg, li kienu riedu jafu kif kien sejjer d. Il-konvenut kien anke mar ikellimhom biex jiggustifika l-posizzjoni u biex jilmenta li ghal sentejn shah ma setax jikkoreggi lil ibnu, bil-biza’ li jerga’ jsir rapport. Waqt il-laqgha li kellhom flimkien bhala familja, kienu accennew ghall-fatt li l-partijiet kellhom jigbdu habel wiehed biex izommu dixxipplina mal-minuri.

L-argumenti pero’ ma waqqfux. L-attrici baqghet tilmenta li rieded post gdid. Gara li l-genituri taghha kellhom bzonn il-flus u bieghhet xi deheb biex tkun tista’ tghinhom, izda t-tir taghha kien li titlaq u tmur gewwa appartament. Bdiet tisfida u tinjora dak kollu li jghidilha l-konvenut. Il-glied kien jikkoncentra fuq il-hin li kienet tqatta’ ma’ ohtha. Kellhom xi jghidu u l-attrici kienet hadet it-tfal u marret ghand ommha, izda da filghaxija regghet marret lura.

Beda jinduna li minn fuq Facebook kienet qed tidhol fuq certu u I li kien l-ex taghha u meta beda jiccekkja l-browser history ghax kien amministratur induna li l-attrici kienet qed tikkancella l-browser history kuljum. Baqghu ghaddejjin bl-istess tip ta’ hajja u darba meta kienu qedghin l-isptar peress li kien hemm il-mara ta’ huh li kienet qed tmut, hareg ipejjep sigarett u sema’ zewg nisa li gharfu lill-attrici, li ommha kjienet qaltilhom li l-attrici ghandha hafna inkwiet mar-ragel u kienet ser titilqu. Iktar beda jikkonferma dak li kien ilu jissusspetta. Imbaghad beda jinduna li l-attrici

kienet tircievi hafna messaggi tard filghaxija u kienet tghidlu li kienu minghand ohtha. Ir-relazzjoni bejniethom ma baqghetx tajba, anzi bdiet sejra ghall-aghar. L-attrici regghet bdiet teqred li riedet post gdid, izda peress li ma kienx qed ihossu cert fir-relazzjoni ma xtaqx jaghmel dan il-pass. Bil-kemm baqghet tkellmu minn hawnhekk u beda jhossu li qisu m'ghandux martu. Titlaq u jiekol wahdu, jekk imorru ghand ommha, kienet titlaq ghand nannintha b'Keelean.

L-ahhar argument li kellhom kien meta l-konvenut kien qed jispjega lill-minuri D l-importanza tal-edukazzjoni u skond kemm tkun edukat, l-impjieg tieghek ikun ahjar. L-attrici hadet ghaliha ghax hasbet qed jirridikolaha peress li qabel kienet tahdem bhala waitress. Ftit jiem wara talbitu s-separazzjoni. Talabha terga' tahsibha izda rrifjutat.

Il-konvenut kien tkellem ma' missier l-attrici li kien gharrfu li parti mill-problema kienet li ma kienx itiha bizzejjed flus, izda meta spjegalu kif kien iqassam il-paga missierha fehem, izda kien imbikkem u qabez ghall-attrici. Kien hadha bil-kbira hafna.

Il-konvenut kien mar jiehu pariri minghand avukat u rrifjuta li jiffirma s-separazzjoni bonarja fuq il-kundizzjonijiet li riedet l-attrici. L-attrici kienet ukoll infurmatu li kienet ser tibda tahdem part-time mas-sorijiet u iktar kien konvint li kienet ilha tipprepara biex titlaq. Ghal tlett xhur kien baqa' jtiha €600 fix-xahar, izda kienet tnaddaflu u ssajjarlu ta' kaf kaf. Iktar kienet tkun ghand ommha milli d-dar u peress li l-genituri taghha kienu xtraw kompjuter lill-minuri Keelan, lanqas kien jigi lura d-dar. Meta beda jara li mhux qed jiltaqa' mat-tifel il-kbir u z-zghir kien jigi biss darbtejn fil-gimgha, iddecieda li jnaqqsilha l-manteniment ghal €400 fix-xahar.

L-attrici kienet telqet meta inqalghet kwistjoni bejniethom ghax ma setax isib il-logbook tal-karozza. Jinnega li assoggetta lill-attrici ghall-vjolenza

domestika ghax il-glied kien ftit wisq tul l-erbatax-il sena mizzewwgin. Kien jgholli lehnu u kien jghajjat mat-tifel, izda biex jikkoregih.

Jikkonferma li tlett snin wara li telqet l-attrici, D kien talbu biex imur joqghod mieghu ghax ommu ma kinitx qed tixtrilu hwejjeg u kienet qed tirattah hazin, Imbaghad meta dahlet il-partner Taljan taghha, talbet lill-konvenut biex jiehu lil D, li hassu offiz li ommu keccietu.

3. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc, ikkonfermat li kienet hemm kont wiehed savings f'isem il-konvenut.[4] F'isem l-attrici rrizultaw is-segwenti kontijiet:-

i) Savings account li ghadu miftuh;[5]
ii) Joint account li huwa index linked deposit u dan huwa maghluq.[6]
iii) Savings/joint account li huwa maghluq.[7]

4. Audrey Ghigo, ijn rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

F'isem l-attrici kien hemm kont Savings bin-numru 049037484050 u ghadu miftuh.[8]

F'isem il-konvenut irrizultaw dawn il-kontijiet :-

---

[4] Ara DOk. JB 1
[5] Ara Dok. JB 2
[6] Ara Dok. JB 3
[7] Ara Dok. JB 4
[8] Ara Dok. AG 1

i) Savings account 049015712050[9]

ii) Current account 056027154001[10]

iii) Savings account 056027154050 li kien ghadu miftuh[11]

iv) Savings account 056027154051[12]

v) Savings account 056027154052 li ghadu miftuh[13]

vi) Savings account 056027154053[14]

vii) Credit card visa gold 403571000042863[15]

Kien hemm kontijiet kongunti f'isem il-partijiet:-

i) Loan account bin-numru 049014285301[16]

ii) Loan account bin-numru 056146418301 li nghalaq[17]

iii) Loan account bin-numru 049014285300 li nghalaq[18]

iv) Loan account bin-numru 16024150 li ghadu miftuh.[19]

Din it-testimonjanza inghata fl-2016. Sa llum il-Qorti ma tafx x'sar minnhom dawn il-kontijiet.

5. JF, omm l-attrici tikkonferma li bintha kienet tilmenta maghha li l-konvenut ma kienx ighaddilha hafna flus u biex tghinhom, specjalment

[9] Ara DOk. AG 2
[10] Ara Dok. AG 3
[1111] Ara DOk. AG 4
[12] Ara Dok. AG 5
[13] Ara Dok. AG 6
[14] Ara Dok. AG 7
[15] Ara Dok. AG 8
[16] Ara Dok. AG 9
[17] Ara Dok. AG 10
[18] Ara Dok. AG 11
[19] Ara Dok. AG 12

meta kellhom it-tifel D, kienet tixtrilhom il-frott u l-haxix u l-konvenut kien jiddeskrivihom bhala imbarazz. L-attrici gieli kienet titlobha xi laham ghax ma kienx ikollha flus biex tixtrihom. Kienet anke tixtri l-hwejjeg lit-tfal. Dwar l-attrici tghid li dejjem hadet hsieb it-tfal u kienet tiehu l-iskola bis-serjeta', filwaqt, li l-konvenut kien juri hafna preferenzi lejn it-tifel iz-zghir E.

Tistqarr ukolll li l-konvenut kien ighajjat u jidghi mal-attrici u anke mat-tfal u dan sar ukoll quddiemha. Ma kinitx tindahal ghax l-attrici kienet titlobha biex tibqa' fommha sieket ghax l-konvenut inkella ma kienx ihalliha ggib lit-tfal.

Illum tghid li l-attrici u uliedha jghixu maghha u l-kbir E ma jkunx irid imur mal-konvenut peress li jibza' mill-ghajjat tieghu.

6. KL, nannet l-attrici kienet taf il-familja tal-konvenut u tiddesrivihom bhala familja storbjuza u gellidin u hafna minn nies li kienu jafuhom kienu jwissuha li ma kienx ighodd ghall-attrici. Kienet tikkunsidra lill-konvenut bhala egoist. Kien sab lill-attrici li kienet izghar minnu u kienet wisq dghajjfa biex tieqaflu u ghalhekk sabha ghal sninu. Tghid li kien ighawwi l-attrici kontra l-familja taghha u qalalha hafna inkwiet ma' ohtha, tant li l-attrici kellha titlaq mid-dar u tmur tghix maghha u kienet laqghat lill-konvenut gewwa darha ukoll.

Tikkonferma li l-konvenut kien gieghel lill-attrici titlaq mir-ristorant fejn kienet tahdem mal-familja u marret tahdem go fabbrika. Kienet tistinka hafna fil-post, tant li spiccat bi slip disc u ghamlet sitt xhur fis-sodda qabel it-tieg.

Ghat-tieg kienet tathom il-kamra tas-sodda li kienet tiswa' Lm2000. Imma wara z-zwieg bil-kemm kienu jarawhom. Kienet taf li kien ihalli lill-attrici

nieqsa mill-flus u kienet tghinha billi tghaddilha xi flus sabiex tkun tista' tixtri hwejjeg ghaliha.

7. Ethelbert Fenech, Kap tal-Iskola Primarja Marsascala, St.Thomas Moore, jikkonferma li l-attendenza tal-minuri E huwa wiehed ezemplari u jaghmel il-homework regolarment.[20]

8. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-partijiet.[21]

9. Courtney Grima, in rapprezentanza ta' HSBC Life Assurance Malta Ltd. ikkonfermat li kien hemm single plan premium policy f'isem il-konvenut li nfethet fl-2007 bin-numru 120-00-3825 u bdiet bl-ammont ta' €2,445.84.[22]

   Irrizultalha ukoll li kien hemm zewg poloz, block insurance policy number 0002240[23] u polza ohra li kienet creditor insurance bin-numru 610-017619 li giet itterminata peress li kien ghadda z-zmien[24].

10. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta ikkonferma li kien hemm vetturi rregistrati biss f'isem il-konvenut. Irrizultalu li wahda mill-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni FAR 017 hija mutur Suzuki.[25]

11. MB missier il-konvenut, jispjega li kien hadem fid-dar matrimonjali tal-partjiet, bhax-xoghol tal-gebel u kien tella' l-opra morta. Kien anke ha

[20] Ara Doks. EF 1 – EF 3
[21] Ara Doks. JS 1 u JS 2
[22] Ara Dok. CG 1
[23] Ara Dok. CG 2
[24] Ara Dok. CG 3
[25] Ara Dok. SC3 u SC4

hsieb ix-xoghol tal-madum, tikhil, kisi u z-zebgha. Jikkonferma li qatt ma kien talabhom sold u dan minhabba li kienu uliedu u kien ghamel l-istess ma' ibnu l-kbir. Illum la qed jisseparaw xorta ma jridx flus semmai l-konvenut seta' jithallas hu. Dwar l-attrici jghid li kienet tkun fil-post u li kien darba ra tghin meta kienu qed jaghtu l-konkos, imma l-partjiet dejjem kienu jmorru biex ighinu.

Dwar il-problemi fiz-zwieg, missier il-konvenut jispjega li l-konvenut kien qallu li jiggieldu hafna minhabba t-tifel l-kbir u kienet l-attrici li nfurmatu li kienet ser titilqu u l-problemi kienu li ma kienx qed ighaddilha flus. Kien ghamel ta' bir-ruhu li kiser saqajh sabiex il-konvenut jitla' hdejh mal-ewwel u hu u hu l-konvenut kienu rrabbjaw mieghu minhabba li skond l-attrici ma kienx qed ighaddilha flus.

12. NO huwa kollega tal-konvenut u ilu jafu cirka tletin sena. Ighid li l-konvenut kien jitkellem hafna mieghu mhux biss fuq il-problemi fiz-zwieg. Kien qallu li l-attrici kellha problemi f'daharha u kien hu li ghamilha kcina fuq il-bejt biex tevita toqghod tiela u niezla.

    Kien jitkellem mieghu dwar problemi finanzjarji u li ma kienx ilahhaq. Kien jaghtih x'jifhem li kellhom problemi fiz-zwieg u li kellu problemi igieghel lit-tifel il-kbir jobdi ghax kien ighaddi hafna hin fuq il-kompjuter. Imbaghad kien hasdu meta qallu li l-attrici kienet hadet lit-tfal u telqitu.

13. PQ, habib tal-konvenut jikkonferma li l-konvenut kien ikellmu dwar problemi li kellu, fosthom li t-tifel il-kbir ma kienx jobdih u kien idum imqajjem jilghab bil-kompjuter, tant li kien ikollu jitlaq mix-xoghol biex

jiehdu l-iskola. Kien jilmenta li l-attrici kienet taghti r-rih lit-tfal biex tpoggih f'dawl ikrah.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABBILITA'**

L-Artiklu 40 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla diversi estremi sabiex tigi attribwita r-responsabbilita' ta' separazzjoni.

L-attrici qed tixhet il-htija fuq il-konvenut minhabba li rrenda ruhu hati ta' theddid u sevizzi, eccessi u ingurji gravi. Fil-kontro-talba tieghu, il-konvenut jonqos milli jindika x'inhuma l-estremi li fuqhom qed ighid li z-zwieg tfarrak irrimedjabilment tort unikament tal-attrici. Ighid biss li vvintat hafna qlajja fuqu u stejjer ta' vjolenza li mhumiex minnu.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi***

***sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti

bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.***"

Id-dominanza, l-aggressivita', ix-xhuhija u anke l-attitudni mat-tifel D, huma l-fatturi li waslu lill-attrici sabiex titlaq lill-konvenut u titlob is-separazzjoni. L-attrici tispjega li minn meta dahal il-konvenut go hajjitha, ir-relazzjoni mal-familja taghha, specjalment m'ohtha inbiddlet. Il-konvenut ma kienx inizzilha u ma kienx iridha toqghod maghha, sa fl-ahhar l-attrici kellha tmur tghix ma' nannitha.

L-attrici resqet provi ukoll li l-konvenut ma kienx kuntent li hi tibqa' tahdem mal-familja taghha fir-ristorant li kienu jiggestixxu, izda da parti tieghu, il-konvenut, ghalkemm jikkonferma dan il-fatt, ighid li kien kontra li tibqa' tahdem mal-familjari ghax kellhom id-dejn u pprovaw jixhtu kollox fuqha. Kien ghalhekk li heggigha sabiex tmur tahdem gewwa fabbrika, sabiex tevita l-inkwiet u dan minhabba li xtaqu jixtru post u ma kienux jaffordjaw li ma jkollhomx flus.

Id-dominanza kienet tohrog ukoll mill-fatt li ma kienx irid lil hadd icempel fil-hinijiet li kien ikun qed jistrieh peress li kien ikollu xoghol ta' bil-lejl. Dawn il-fatti mhux innegati mill-konvenut, anzi jinsisti li kien jirrabja jekk anke shabu kienu jcemplu meta kienu jafu li qed jistrieh. Jirribatti dak li ssostni l-attrici, fis-sens li ma kienx jippretendi li t-tfal ma jaghmlux hoss, izda kien jitlobha li tal-anqas ibaxxu t-televixin jew il-volum ta' xi film li jkunu qed jaraw.

Il-konvenut jichad dak kollu li l-attrici tghid dwar l-aggressivita' tieghu. Ma jichadx li kellu vuci gholja li twassal, izda bl-ebda mod ma kien ifisser li kien aggressiv jew vjolenti. Ma jichadx li kien hemm drabi li kien jirrabja mat-tifel il-kbir D, partikolarment minhabba l-fatt li kien iqatta' hafna hin jilghab fuq il-kompjuter, bil-konsegwenza li kien qed jittraskura l-iskola. Kien jipprova

jikkontrollah u jiddixxiplinah, izda ma sab l-ebda sostenn minghand l-attrici, anzi fi kliemu kienet tappoggja lit-tifel sabiex lilu tpoggih f'dawl ikrah mieghu. Dina l-fissazzjoni kienet ir-raguni ta' hafna dizgwid bejn il-partjiiet. L-attrici u l-familjari taghha jikkonfermaw li l-konvenut kellu hafna preferenzi ghat-tifel minuri Jayden u kien jaqbad kontinwament mat-tifel D. Il-konvenut jikkontendi li kellu relazzjoni tajba mat-tifel sakemm kellu disa' snin u mbaghad il-kompjuter kien wassal ghal hafna glied bejniethom. Il-Qorti tifhem li genitur ghandu jzomm id-dixxiplina u johloq konfini fid-dar tieghu, izda din issir glieda inutli jekk il-genituri ma jigbdux habel wiehed, bir-rizultat li l-genitur jidher ikrah f'ghajnejn it-tifel u jwassal biex tinholoq firda u biza' fil-minuri. Dan wassal ukoll ghall-intervent tal-guidance counsellor tal-iskola wara li D  kien fetah qalbu maghha.

Dwar l-aggressivita' u l-vjolenza domestika li tallega l-attrici, ma gewx ipprezentati rapporti tal-pulizija. Lanqas l-attrici ma ressqet l-guidance counsellor jew rapprezentanti tal-Agenzija Appogg sabiex jikkonfermaw li kien hemm kuntatt da parti taghha.

Problema ohra li l-attrici tghid li affaccjat fiz-zwieg kienet ix-xhuhija tal-konvenut. Mill-provi prodotti minnha tghid li l-konvenut kien ihalliha nieqsa mill-flus. L-iktar li semmiet kienet is-somma ta' €600 fix-xahar u kienet thallas l-ispejjes kollha. Minhabba dan in-nuqqas ta' flus, kellha toqghod attenta u spiccat li kellha tqatta' hafna hin id-dar, ghax ma kellhiex flus biex tohrog lit-tfal. Ommha kienet tixtrilhom il-frott u l-haxix u anke kienet tixtrilhom il-hwejjeg. Il-hwejjeg taghha u tal-konvenut, hafna drabi kienu « hand downs" minghand is-sinjura fejn kienet tahdem omm l-attrici bhala seftura.

Anke fl-gherusija, peress li kienu xtraw il-post, kienu jispiccaw dejjem ghand nannintha jaraw it-televixin u dan ghaliex il-konvenut kien jippreferi hekk ghax kien jirnexxielhom igemmghu.

Il-konvenut jirribatti dak sostnut mill-attrici u jaghti stampa cara tal-introjtu tieghu u xi spejjes kellhom. Kien jirnexxilu ukoll iwarrab xi ftit flus kull xahar, ghal bzonnijiet li kienu jinqalghu. Il-konvenut ma jinnegax li omm l-attrici kienet tghinu f'xi spejjes u minkejja li xtaq li setghu jaffordjaw iktar, ir-realta' kienet li kienet. Jidher li hemm konsistenza rigward il-hlas ta' alimenti da parti tal-konvenut u li kien hemm loan fuq id-dar matrimonjali u ghalhekk l-verzjoni tal-konvenut tirrizulta verosimili. B'hekk dina l-Qorti ma taqbilx mal-akkuzi tal-attrici li l-konvenut kien xhih, Il-finanzi kienu li kienu u kien attent li ma jkollux jiddejjen u li jghixu komdi bil-ftit li kellhom. L-attrici tippunta subghajha lejn il-konvenut ghax qatt ma kien ihalliha tohrog tahdem, imma ghall-konvenut dan kien ghal zewg ragunijiet, wahda ghax iddecidew li jkun hemm genitur prezenti ghat-trobbija tat-tfal, filwaqt li l-attrici kellha problema b'daharha wara li ghamlet l-operazzjoni tas-slip disc u kellha toqghod attentat x' xoghol taghmel.

Il-konvenut isemmi li meta l-attrici kienet regghet habiba sew t'ohtha kienet tohrog maghha, kienet tohrog mal-ommijiet tal-iskola u ghalhekk maghkusa zgur ma kinitx u lanqas tirribatti dak li jsostni l-konvenut.

Il-konvenut jiddeskrivi l-attrici bhala persuna li ma tantx kont tikkuntentahha malajr, Dejjem kienet thossha inferjuri ghal haddiehor u kienet isibha difficli biex taccetta l-limitazzjonijiet finanzjarji taghhom. Dejjem riedet tbiddel id-dar u ma kinitx takkumpanjah anke ghall-ikliet tax-xoghol minhabba f'hekk. B'danakollu din ma tistax tissejjah xhuhija, izda hija prekwazjoni jew stil ta' hajja li c-cirkostanzi kienu jirrikjedu, forsi xejn felici, imma mehtiega.

Mill-assjem tal-provi, jirrizulta li l-partijiet lkoll ikkontribew ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut kienu responsabbli ta' sevizzi u eccessi.

**KURA U KUSTODJA**

Peress illi fil-mori tal-kawza, D sar maggorenni, dina l-Qorti ser tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni dwar il-kura u kustodja tieghu. Illum D mar ighix mal-konvenut u l-minuri E baqa' jghix m'ommu. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar dan il-fatt.

Ghalkemm dina l-Qorti tiddeplora l-fatt li l-ahwa jigu sseparati minn xulxin fit-trobbija taghhom, izda D ghandu l-eta' tieghu u responsabbli ghad-decizjonijiet li jiehu. Theggu li jzomm kull kuntatt ma' huh E u anke mal-attrici u dan sabiex dejjem tinzamm il-stabbilita' fil-familja, haga li dina l-Qorti dejjem tissalvagwardja.

**<u>ACCESS</u>**

Illi f'din il-kawza kien gie nominat l-Avukat tat-Tfal, izda fl-inkartament ma nstab l-ebda rapport f'dan is-sens. Kull ma rrisulta kien li fil-verbal tal-21 ta' Gunju 2018, l-access versu l-minuri kien ser jibda jigi esercitat fi tmiem il-gimgha bi qbil bejn il-partijiet, tenut kont tal-hinijiet tax-xoghol tal-konvenut. Ghalhekk il-Qorti sejra zzomm dan l-arrangament milhuq bonarjament bejn il-partijiet, ladarba ma hemm ebda indikazzjoni li dan l-arrangament kien inbidel tul il-mori tal-kawza.

**<u>MANTENIMENT</u>**

In kwantru jirrigwarda l-manteniment, peress li llum D ighix ma' missieru u huwa maggorenni, m'hemmx lok li jigi ordnat li jithallas manteniment ghalih. Primarjament, kien hemm digriet tat-28 ta' Marzu, 2017 u dan ai termini ta' ftehim milhuq li l-konvenut kellu jghaddi lill-attrici s-somma ta' €400 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Eventwalment, stante l-fatt li D mar ighix mal-konvenut kien hemm digriet ta' dina l-Qorti datat 11 ta' Ottubru, 2017 li ordna li l-manteniment ghall-minuri D jieqaf b'effett mill-1 ta' Settembru, 2017.

Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jkun obbligat li jhallas manteniment ghall-minuri E fl-ammont ta' €200, oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Dwar l-attrici, ir-rizultanzi processwali jindikaw li kienet qed tattendi kors biex issir child carer u li llum ghandha tifel maggorenni li ma jghix maghha u lanqas tant hi kbira, bi kapacitajiet li tahdem u ghaldaqstant m'ghandhix tippretendi li tircievi manteniment minghand il-konvenut.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Bhala assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma jirrizultax li hemm kontenut sostanzjali, ghajr ghad-dar matrimonjali, karozzi u kontijiet bankarji.

### Dar Matrimonjali

Il-Qorti kienet innominat lil AIC Perit Godwin Abela sabiex jirrelata dwar il-pretensjoni tal-konvenut li kellu prelevament favurih minhabba il-benefikati li ghamlu fid-dar matrimonjali u cioe' l-fond Valley Court, Flat 3, Triq il-Vjola, M'Skala.

Mill-konstatazzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Abela jirrizulta li l-attrici ghandha prelevament favuriha fl-ammont ta' €2, 815.08, filwaqt li l-konvenut ghandu prelevament favurih fl-ammont ta' €9,542.49.[26]

Mill-assjem tal-provi, l-attrici dejjem ilmentat fuq id-dar matrimonjali u dejjem kellha l-intenzjoni li titlaq minn hemm. Ma kienx hemm lanqas xi insistenza da parti tal-konvenut biex izzomm id-dar matrimonjali.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ikun opportun li d-dar matrimonjali tinbiegh u mir-rikavat jithallsu fl-ewwel lok kwalsiasi djun dovut fuq l-istess proprjeta' (l-Qorti temfasizza li l-partijiet naqsu li jindikaw jekk ghadx hemm loan

---

[26] Ara rapport peritali a fol. 189 tal-process.

pendenti) u wara jithallsu l-prelevamenti favur il-partijiet skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-AIC Perit Godwin Abela.

**VETTURI**

Skond il-provi migjuba quddiem dina l-Qorti, il-konvenut ghandu vettura wahda biss f'ismu presentement Toyota Ractis b'numru ta' registrazzjoni DBP 795 u dina ghandha tigi assenjata lill-konvenut.

Dina l-Qorti tinnota li ma nghatatx indikazzjoni tal-valur ta' dina l-vettura u ghalhekk mhux possibbli ghaliha li tiddetermina x'sehem ghandha l-attrici minn dina l-istess vettura. Considerando li dina l-vettura giet immanifatturata fl-2008 illum ghandha 'l fuq minn hmistax-il sena u ghalhekk il-valur huwa minimu. Peress li ghal certu zmien jirrizulta li l-konvenut baqa' jhallas il-loan fuq il-fond dan ghandu jpaci mal-valur ta' sehemha minn dina l-vettura.

**POLOZ TA' ASSIKURAZZJONI**

Mill-provi ma jirrizultax li l-attrici kellha xi polza f'isimha, izda jirrizulta li kien hemm f'isem il-konvenut. Li ghadu miftuh huwa single-premium plan policy mal-HSBC Life Assurance Malta li fetah il-konvenut fejn investa fiha l-ammont ta' €2,445.84.

Dina l-polza ghandha tigi assenjata lill-konvenut, b'dana pero' li ghandu jghaddi lill-attrici nofs il-valur tal-istess polza li ggib in-numru 120-003825.

**KONTIJIET BANKARJI**

Mill-provi prodotti dwar kontijiet bankarji ma jirrizultax li hemm ammonti sostanzjali u li hafna mill-kontijiet illum jinsabu maghluqin. Ghaldaqstant, ikun opportun li kull parti zzomm il-kont bankarji tieghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici stante li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi u eccessi ;
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E esklussivament f'idejn l-attrici ;
3. Tilqa' t-tielet talba attrici, limitatament ghall-minuri E, stante li llum D huwa maggorenni ;
4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn Euros (€200) fix-xahar ghall-minuri E, oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. L-istess ammont ta' manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja ;
5. Tilqa' l-hames talba attrici ;
6. Tichad is-sitt talba attrici;
7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tinnomina lill-istess Perit Godwin Abela sabiex issir valutazzjoni tal-fond matrimonjali ghall-iskop tal-bejgh tal-istess. Il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ghandha ssir kif fuq surriferit;
8. Tichad dina t-tmien talba attrici peress li ma gewx indikati assi parafernali ;
9. Tilqa' d-disa' talba attrici.

**KONTRO-TALBA**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba peress li l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' sevizzi u eccessi ;
2. Tichad it-tieni kontro-talba.
3. Tilqa' t-tielet kontro-talba, limitatament ghal E, stante li llum D huwa maggorenni, u takkorda access kif fuq suriferit.
4. Tichad ir-raba' kontro-talba.
5. Tilqa' l-hames kontro-talba skond kif diga' gie deciz aktar 'il fuq u fis-seba' talba attrici;
6. Tilqa' s-sitt kontro-talba u tordna li l-konvenut jista' jibqa' jghix fid-dar matrimonjali sakemm isir konvenju u ghandu jitlaq mill-istess fond skond dak li jigi miftiehem fil-konvenju, flimkien mal-penalitajiet applikabbli fejn mehtiega;
7. Tilqa' s-seba' kontro-talba.
8. Tilqa' t-tmien kontro-talba in parte u tordna li l-qsim isir skond kif deciz aktar 'l fuq fis-sottotitolu "Komunjoni tal-Akkwisti;"
9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba rikonvenzjonali peress illi ma giex indikat fil-provi.
10. Tichad l-ghaxar kontro-talba u dan stante li ma gewx indikati x'assi parafernali jezistu.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**